MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta ta' l-10 ta' Gunju, 2005

Talba Numru. 2454/2002

**Michael Balzan Limited**

**vs**

**Adrian Debono**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-15 t'Ottubru 2002 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi ikkundannat ihallas l-ammont ta' tlett mija hamsa u erbghin Liri Maltin (Lm345.00), dovut lis-socjeta' attrici ghall-merkanzija mibjugha u debitament ikkonsenjata u ghas-servizzi ipprestati minnha, konsistenti fl-installazzjoni ta' *shutters* u xoghol iehor konness ma' dan.

Bl-ispejjez uj bl-imghaxijiet legali. Il-konvenut huwa issa ingunt ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-

kreditu jigi ppruvat ai termini ta’ l-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u ta’ l-Artikoli 698 (2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie regolarment notifikat, naqas milli jidher meta gew ipprezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici is-somma ta’ tlett mija hamsa u erbghin Liri Maltin (Lm345.00), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata ta’ l-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjez ta’ din l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------